# Dikjarazzjoni mill-EURead dwar il-Qari u l-Litteriżmu

EU
READ

Aħna, l-organizzazzjonijiet membri tal-EURead li nirrappreżentaw 34 korp tal-istat, tal-NGOs u tal-pubblikazzjoni minn 23 pajjiż madwar il-kontinent, nappellaw lill-mexxejja Ewropej f'livell reġjonali, nazzjonali u sopranazzjonali biex jirrikonoxxu l-irwol fundamentali li l-qari għandu fl-iżvilupp ta' ċittadini individwali, fit-tħaddim ta' ekonomija li tirnexxi u fl-għajnuna biex jiġi żgurat il-funzjonament ta' demokraziji moderni.

Qed nappellaw speċifikament għar-rikonoxximent tal-prinċipji li ġejjin u għal azzjoni dwarhom.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

EU READ

## 1.
## Il-ħila li wieħed jaqra u li jaqra b'mod kritiku hija essenzjali għall-iżvilupp personali u hija dritt fundamentali tal-bniedem.

Huwa rikonoxxut fil-wisa' li l-qari b'mod regolari għall-gost itejjeb is-saħħa u l-benesseri mentali, jikkorrelata mal-kisba fil-kurrikulu, itejjeb il-mobilità soċjali u jippermetti l-parteċipazzjoni fis-soċjetà.
PISA tiddefinixxi l-qari bħala "fehim, użu, riflessjoni dwar, u involviment ma' testi miktuba sabiex wieħed jilħaq l-għanijiet tiegħu, jiżviluppa l-għarfien u l-potenzjal tiegħu, u jipparteċipa fis-soċjetà." Minħabba l-impatt mifrux tiegħu fuq il-ħajja tal-individwi, it-tagħlim tal-qari u l-imħabba għall-qari huma dritt fundamentali.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

EU READ

## 2.
## Il-ħila tal-qari hija l-bażi tat-tħaddim tas-soċjetà tagħna f'ħafna dimensjonijiet u, għaldaqstant, tikkonċerna lil kulħadd.

Li jkollok ċittadini li jaqraw bl-aħjar mod possibbli jista' jtejjeb il-qagħda ekonomika, jippermetti riżultati aħjar fil-qasam tas-saħħa, itejjeb il-mobilità soċjali u anke l-koeżjoni soċjali. Li jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Ewropa jkunu qarrejja regolari huwa fattur li jikkonċerna firxa wiesgħa ta' atturi statali u mhux statali 'l barra mill-konfini tas-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura. Dan jinkludi organizzazzjonijiet attivi fis-setturi tan-negozju u kummerċjali, tal-kura tas-saħħa u tal-iżvilupp reġjonali, fost l-oħrajn.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

EU READ

## 3.
## Li jkollna ċittadini li jaqraw b'mod kritiku huwa essenzjali jekk irridu nipproteġu d-demokraziji tagħna.

F'era ta' diżinformazzjoni, il-ħila li tiġi interpretata l-informazzjoni u li tiġi vvalutata l-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet hija essenzjali għall-funzjonament tad-demokraziji moderni.
Il-promozzjoni ta' livelli għoljin ta' litteriżmu kritiku għandha tkun prijorità għall-gvernijiet, u għall-membri tal-UE għandha tifforma parti mill-pakkett tad-Difiża tad-Demokrazija.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

## 4.
## Il-qari jeħtieġ li jkun parti mill-ħajja tal-familja mill-aktar jiem bikrin tat-tfal u l-gvernijiet għandhom jinvestu aktar fi programmi ta' għoti ta' kotba fis-Snin Bikrin.

Hemm evidenza xjentifika mifruxa dwar l-importanza tal-ewwel 1,000 jum għall-iżvilupp tat-tfal u evidenza ulterjuri tal-irwol kritiku li l-qari mat-tfal żgħar jista' jkollu fl-akkwist tal-lingwa u r-rabta emozzjonali mal-ġenitur jew il-persuna li tieħu ħsiebhom. Nafu li tfal li jaqrawlhom meta jkunu għadhom żgħar għandhom iktar ċans li jkomplu jaqraw weħedhom
iktar tard. Aħna nemmnu li l-ebda tifel jew tifla m'għandhom jitilfu l-opportunità li din tippreżenta u li l-gvern għandu jinvesti aktar fi programmi ta' għoti ta' kotba evidenzjati sew. Il-programmi ta' għoti ta' kotba għandhom jiffurmaw parti mill-Garanzija Ewropea għat-Tfal.

EU READ

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

EU READ

## 5.

## L-aċċess għal firxa wiesgħa ta 'kotba, pereżempju permezz ta' kindergartens, libreriji tal-iskejjel u permezz ta' libreriji fil-komunità, mgħammra b'librara mħarrġin, huwa essenzjali biex titrawwem imħabba għall-qari u jeħtieġ appoġġ finanzjarju.

Kull ċittadin ta' pajjiż Ewropew mit-twelid 'il quddiem jibbenefika minn aċċess għal diversi materjali tal-qari ta' kull tip u f'formati differenti peress li dan jgħin fl-akkwist u ż-żamma ta' drawwiet regolari tal-qari. Li jkollna libreriji tal-iskola u tal-komunità, mgħammra bi professjonisti tal-informazzjoni li jistgħu jgħinu lin-nies jiskopru kotba li se jħobbu, hija parti kritika mill-infrastruttura tal-qari tagħna.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

EU READ

## 6.
## Il-promozzjoni tal-qari minn firxa wiesgħa ta' atturi jeħtieġ li tiġi appoġġjata.

In-nies għandhom bżonn l-inkuraġġiment biex jaqraw, u dan jgħodd b'mod partikulari għal dawk li l-iktar għandhom x'jiggwadanjaw mill-qari regolari. Il-programmi ta' promozzjoni tal-qari li jużaw l-għarfien espert tal-istat u l-NGOs kif ukoll il-kapital intellettwali tal-awturi, l-illustraturi, il-pubblikaturi u l-bejjiegħa tal-kotba jeħtieġu investiment sostnut maż-żmien sabiex jiġu effettwati bidliet fl-imġiba. Filwaqt li dawn l-atturi jistgħu jkunu fuq quddiem fejn tidħol attività promozzjonali, hija r-responsabbiltà ta' kull element tas-soċjetà li jagħti sinjal li l-qari huwa xi ħaġa li hija stmata ħafna.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

# EURead Members

- Anne Çocuk Eğitim Vakfı – ACEV (Turkey)
- Asociación Artística Sociocultural Mestiza (Spain)
- Bonniers Familjestiftelse (Sweden)
- BookTrust (United Kingdom)
- Children's Books Ireland (Ireland)
- Detski Knigi Foundation (Bulgaria)
- Diavazontas Megalono (Greece)
- Federation of European Publishers (Belgium)
- Foreningen !les (Norway)
- Good Books (Poland)
- HUNRA - Hungarian Reading Association (Hungary)
- Iedereen Leest (Belgium)
- Kitabistan (Azerbaijan)
- Libranda (Spain)
- LitCam (Germany)
- Lubimyczytać.pl (Poland)
- Lukukeskus Läscentrum (Finland)
- Martynas Mažvydas National Library (Lithuania)
- Medienzentrum Ostbelgien (Belgium)
- Nati per Leggere (Italy)
- National Literacy Agency (Malta)
- Österreichisches Bibliothekswerk (Austria)
- Plano Nacional de Leitura (Portugal)
- Chetene - Reading Foundation (Bulgaria)
- Schweizerisches Institut für Kinder- und Jugendmedien (Switzerland)
- Scottish Book Trust (United Kingdom)
- Stichting Lezen (The Netherlands)
- Stiftung Lesen (Germany)
- Svet Knihy (Czech Republic)
- The Polish Book Institute (Poland)
- Turkish Publishers Association (Turkey)
- Ukrainian Book Institute (Ukraine)
- Universal Reading Foundation (Poland)
- Was steht da? (Austria)

EU READ

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu